ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 2

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



"Tbissem". Din hi l-kelma-kmand li tingħata qabel tingħafas il-buttuna tal-kamera tar-ritratti. Għal tbissima ikbar hawn min jgħidlek "Għid *Cheese*!" U hekk tagħmel. Tbexxaq xofftejk u turi snienek. U meta tara r-ritratt, tara lilek innifsek bħala persuna b'saħħitha. Aktar ma dawk is-snien jidhru f'saħħithom, aktar tidher kuntent jew kuntenta. Għaliex? (*par.1*)

Ir-raġuni hi li s-snien huma importanti għal diversi raġunijiet. Jekk tieħu ħsiebhom, huma jgħinuk tieħu ħsieb tiegħekinnifsek. Snien b'saħħithom u sodi jgħinuk tiekol sewwa, titkellem sewwa u, iva, tidher fl-aħjar tiegħek. (*par.2*)

Kif jirnexxilek tagħmel dan kollu? Meta tieħu ħsieb snienek tkun qed telimina l-*plaque*, li hija baktirja li teħel mas-snien. Wara li tiekol, il-baktirja tagħmel festa biz-zokkor li ssib mas-snien, bħal kif jagħmlu n-nemel meta jsibu xi ħaġa tajba. Il-baktirja tgħin biex l-aċidi jieklu l-enamel tas-snien, li maż-żmien dawn jispiċċaw imtaqqbin. Il-*plaque* tikkawża wkoll il-*gingivitis*, li hija marda fil-ħniek li ġġibhom ħomor, minfuħin u juġgħu ħafna. U kulħadd japprezza kemm hu importanti li żżomm il-ħniek b'saħħithom, billi dawn iżommu s-snien f'posthom. Meta l-ħniek ikunu morda, waqt l-ikel tibda tara l-passjoni u ċertament ma jkollokx aptit titbissem. (*par.3*)

Illum aħna verament iffortunati li nafu daqstant kif nistgħu nieħdu ħsieb is-snien. Żmien ilu, meta kienu jibdew jixjieħu, u anki qabel, in-nies kienu jitilfu snienhom kmieni. Imma fortunatament dan wassal biex in-nies jibdew jirrealizzaw kemm is-snien huma importanti, tant li fl-isforz tagħhom biex iżommuhom f'saħħithom, kienu jużaw xi affarijiet li llum jidhru xi ftit jew wisq strambi jekk mhux addirittura li jdardruk. Int u taħsel snienek, b'dik it-togħma friska ta' *toothpaste* f'ħalqek, ftakar ftit x'kienu jużaw, fost oħrajn: ġibs imfarrak trab, meraq tal-lumi, irmied (dak li jibqa' wara li tinħaraq xi ħaġa), kif ukoll tabakk u għasel imħalltin flimkien. Jaqq! (*par.4*)

*Addattament minn **Il-Ġens Illum**, 4 ta' Ġunju 2011*

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Agħti isem lil din is-silta.

____________________________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Liema kliem jgħidulna meta nkunu se nieħdu ritratt?

   Il-kliem hu ________________________ jew ________________________ (2 m

3. Skont l-awtur, x'juru s-snien meta jkunu b'saħħithom?

   ______________________________________________________________________ (marka)

4. Semmi żewġ affarijiet li bihom snien b'saħħithom u sodi jistgħu jgħinuk.

   Huma jgħinuk: (a) ____________________________________

   (b) ____________________________________ ( 2 marki)

5. X'inhi dik il-ħaġa li teħel mas-snien wara l-ikel u ġġegħelhom jitħassru?

   Din hija ____________________________________________________________ (marka)

6. Għaliex kulħadd japprezza kemm hu importanti li żżomm il-ħniek b'saħħithom?

   ______________________________________________________________________ (marka)

7. Għid liema tnejn minn dawn il-metodi kienu jintużaw dari biex in-nies inaddfu snienhom:
   (a) jiżbgħu snienhom biż-żebgħa bajda ___
   (b) jaħsluhom bil-meraq tal-lumi ___
   (ċ) jieklu ħafna bajd ___
   (d) jogħrkuhom b'tabakk u għasel imħalltin flimkien ___ (2 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (20 marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Imla l-vojt bil-**partiċelli** t-tajba mil-lista mogħtija taħt. (*L-ewwel waħda lesta għalik.*)

   Il-kura ***tas-***snien hi importanti. Il-ħasil regolari jagħmel tajjeb ______-snien. Jekk trid tgawdi snienek ______ ma tikber, qis li taħsilhom kuljum u trid iżżomm ______moħħok li ma tridx tiekol ħafna ikel ______ħelu jew pasti. Dan qiegħed ngħidulek______ġid tiegħek. (5 marki)

| |
|---|
| *sa, għall-, **tas-**, lis-, f', bħal* |

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Imla l-vojt bil-**parteċipju passiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

It-tfal kienu ***marbutin*** (rabat) u ________________________(sakkar) f'kantina. Kienu ________________________ (werwer) li r-raġel kien se joqtolhom. Dak il-ħin waslu l-pulizija. It-tfal ħassewhom ________________________ (xorti) li kienu għadhom ħajjin. (3 marki)

3. Ta' liema forma huma dawn il-verbi li ġejjin? Ikteb in-numru tal-forma fl-ispazju pprovdut.

(a) tbissem (*par. 1*)________________; (b) jixjieħu (*par. 4*) ________________ (2 marki)

4. Imla l-vojt bil-**parteċipju attiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

(a) Xħin kien ***ħiereġ*** (ħareġ) bdiet tqattar ix-xita.

(b) Waqt li kienet ________________ (mexa) rat lil Connie tiknes il-bankina.

(ċ) Baqa'________________ (waqaf) wara l-bieb tal-uffiċċju tas-Surmast. (2 marki)

5. Ikteb kliem flok numri:

(a) Il-ħallelin kienu ______________________________. (7)

(b) ________________________________ (31) ballun (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Mir-raba' paragrafu sib il-kelma li tfisser: **xortina tajba**.

Il-kelma hi: ___________________________ (marka)

7. Agħti kelma oħra flok il-kelma **jirrealizzaw**. (*par.4*)

Il-kelma hi: ___________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

8. L-aġġettiv **strambi** *(par.4)* qiegħed jirreferi:

(a) għan-nies ta' dari ______; (b) għas-snien ______; (ċ) għall-affarijiet li kienu jużaw ______. (marka)

9. Il-kelma **Cheese** *(par.1)* hi ta' nisel: a) Semitiku______; b) Rumanz______ ; ċ) Ingliż ______. (marka)

**SINTASSI**

10. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi f'waħda bla ma tuża l-kelma **u**.

***Mar għand id-dentist. Kellu darsa tuġgħu.***

________________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI

1. Kompli dawn il-qwiel billi tagħżel il-parti nieqsa mill-kaxxa ta' taħt. (2 ma[rki)]

   a. Min jitkaża______________________________________________

   b. ______________________________________ u Alla jiddisponi.

| |
|---|
| tiġi żewġ; li hemm hemm; Il-bniedem jipproponi; tiżra' taħsad; jaqa' fil-każa; jbati ġismu |

2. Agħżel u immarka t-tweġiba t-tajba.

   L-idjoma ***ibati b'tal-ħmar*** tfisser:

   (a) ibati b'mard li jkollhom il-ħmir___; (b) jieħu għalih malajr___; (ċ) jagħti bis-sieq ___

   (2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn (**a**) u (**b**) u ikteb madwar **50 kelma** dwarha.

(a) Ikteb riklam għal attività organizzata mill-Għaqda Żgħażagħ ta' Ħal Dwin, u li matulha se jinġabru fondi għall-festa tar-raħal.

**JEW**

(b) Se ssir laqgħa għall-istudenti kollha mill-Kap tal-Iskola dwar l-uniformi l-ġdida tal-iskola. Il-laqgħa se ssir fis-sala tal-iskola. Ikteb avviż għal din il-laqgħa.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI

Agħżel **waħda** mit-temi li ġejjin u li huma marbutin mal-proġett **Idea ta' Lingwa** u ikteb mad-**50 kelma** fuqha. *(a) Il-Bilingwiżmu; (b) L-element Semitiku, Rumanz u Ingliż fl-ilsien Malti; (ċ) Lingwi differenti fil-Mediterran; (d) Kif għandi nuża dizzjunarju tajjeb tal-Malti.*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

**(i) Nadriet 3**

1. Fil-poeżija **Poeta,** Dun Karm lil min qiegħed ifaħħar?

(a) lil Don Bosco____; (b) lil Ružar Briffa; ____ (ċ) lill-President ta' Malta; ____ (d) lil ommu____. (marka)

2. Liema post isemmi Karmenu Vassallo fil-poeżija tiegħu **Tifkiriet ta' Tfuliti**?

(a) San Lawrenz; ____ (b) San Ġwann; ____ (ċ) San Pawl____ (d) San Ġiljan____. (marka)

3. **Pitirross** ta' Victor Fenech tissejjaħ:

(a) poeżija; ____ (b) rumanz; ____ (ċ) poe-proża; ____ (d) dramm ____. (marka)

4. Fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg, il-bejjiegħ fejn kien ibigħ il-gazzetti?

(a) Kastilja; ____ (b)San Ġwann; ____ (ċ)il-Monti; ____ (d) Pjazza San Ġorġ____. (marka)

5. Fil-vers "*xtieli muxagħra jriegħxu bit-tixwik*", fil-poeżija **Arizona** ta' Achille Mizzi, insibu:

(a) iperbole __; (b) alliterazzjoni__; (ċ) anafora __ ; (d) tixbiha ___. (marka)



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi**

Ikteb f'madwar **10 kelmiet** il-ħsieb ta' **tnejn** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet**:

*Matul is-Snin tal-Ħajja; Raqdet il-Belt;Iż-Żgħożija; Fjura tas-Sur; Ħabbata.*

(a)____________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

(b)____________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

**(iii) Stejjer taċ-Ċarrut -** *Sedqa*

**Kompli dawn is-sentenzi**.

a. F'***Jitkellem James Grech,*** James kiteb ittra lil ommu biex jgħidilha______________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

b. Fl-istorja **Iż-żerriegħa li ma gergritx**, niltaqgħu ma' żerriegħa li, għax ma gergritx,___________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

ċ. Fl-istorja **L-Iskuter** insibu li, waqt tiġrija bl-iskuters, Ninu______________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

d. **Catullus** kien għasfur li ____________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

e. Fl-istorja **Ġuħa u t-Tin**, Ġuħa ħa gost li n-nies tal-Emir tefgħulu t-tin għax kieku ____________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(iv) Jinqabad bid-Drogi -** Sedqa

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

a) F'***Ċinzja,*** x'għamlet din it-tfajla meta kellha biss tmintax-il sena?

---

---

b) F' ***Monologu: L-Aħħar Waqtiet ta' Simon ir-Reggae,*** min kien ħajjar lil Martin jibda jieħu d-droga?

---

---

ċ) X'tip ta' ħajja tgħid li kellha Helen fin-novella ***Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet***?

---

---

**(v) Stejjer għal Qabel Jidlam –** *O. Friggieri* (5 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u ikteb madwar **30 kelma** dwarha. (Ikteb fuq karta separata.)

***It-tifel tal-Baħar; Ix-Xemx fuq it-Tieqa; L-Ewwel Telefonata***.

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Kieku kelli niltaqa' ma' aljen kont ………….(Kompli.)
2. X'l-aħjar: ngħix fil-kampanja jew qrib il-baħar?
3. Djalogu bejn trakk u karozza maqbuda fit-traffiku
4. Il-kompjuter u jien
5. Għaliex għandi nħobb lil art twelidi
6. Ikteb storja li tibda bil-kelmiet: *Ix-xemx kienet nieżla* ............



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers